**EŻAMI ANNWALI TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2001**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**Ir-Raba' Sena** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ______________________________ Klassi: __________

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub:

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F(i) | F(ii) | F(iii | Ġ | Tot. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 9 | 17 | 4 | 8 | 10 | 14 | 8 | 10 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | | |

Kummenti

______________________________________

______________________________________

______________________________________

______________________________________

______________________________________

______________________________________

______________________________________

______________________________________

______________________________________

______________________________________

______________________________________



## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

*Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet :*

Fredu kien ġuvni x'aktarx imgerrex min-nies u ma kont tisimgħu qatt jitmasħan ma' sħabu fuq kull fettuqa li jfettlilhom jitkellmu fuqha żgħażagħ oħra. Kien jiskanta għaliex kien sar hekk, għax sa jumejn ilu kien jiġġieled kemm jiflaħ u jiġri mar-raħal kollu ma' xi sabi daqsu. Imma issa kien kiber. Kien saħansitra jkollu jqaxxar il-leħja avolja mank tmintax-il sena ma kien għadu għalaq. U meta kien jintasab quddiem il-mera jagħmel xagħru, kien jiċċassa lejn xi ponta 'l hemm u 'l hawn li kienet titfaċċalu f'wiċċu. U kien jisgħobbih, jixtieq jaf x'jagħmel biex tfiq. Jixtieq jaf x'jagħmel biex ebda tebgħa ma tibqa' tidher f'wardet wiċċu. ***(par. 1)***

"L-ippetitjar quddiem il-mera qiegħed għan-nisa..." kien jgħidilhom xi ħadd l-iskola. U hu kien jiftakar f'dan il-kliem u jitlaq jiġri 'l hemm minn quddiem il-mera. Ukoll meta m'hu jarah ħadd. Imma kien iħossha ġo fih. Kien jiddejjaq. Jiddejjaq ħafna. Imbagħad joħroġ barra u jmur l-iskola jew il-knisja jew sal-belt u jkun fejn ikun iħoss l-oħrajn iħarsulu lejn il-warda ta' wiċċu u s-simetrija li ttebbgħet. U kien jitgerrex, jinbala' fih innifsu, donnu jitħattab, donnu jitbaxxa, jiċkien, jinżel kważi kważi taħt il-bank fil-karozza tal-linja biex in-nies ta' madwaru ma jintebħux li hemm hu. U jmur fejn imur, iħoss kollox madwaru, iħoss il-ħars trasparenti jingħalaq sewwa sew madwar il-forma tiegħu. Jibnilu ħajt madwaru. ***(par. 2)***

Dak in-nhar kien sejjer ġo fabbrika li tesporta l-għamara. Kienu riedu bniedem ta' skola bħalma kellu Fredu, ta' età daqskemm kellu Fredu u kienu jriduh biex jibagħtuh barra minn Malta għal sena sħiħa ħalli jitgħallem aktar. Riedu żagħżugħ bħalu biex jitgħallem u jiswielhom ta' ġid. Riedu jtuh ukoll paga tajba, riedu saħansitra kull biċċa għamara li jkollu bżonn 'il quddiem meta jiġi jkollu daru. U Fredu kien fettillu jmur ifittex xortih. ***(par. 3)***

U kien stagħġeb bih innifsu. Stagħġeb bil-ħila li kellu bla ma kien jaf, għax kienu bagħtu għalih darba tnejn tlieta u fl-aħħar qalulu li issa kien hemm tellieqa bejnu u bejn ieħor biss. Kienu qalulu li jeħtieġ jagħżlu jew lilu jew lil żagħżugħ ieħor. Fredu ma setax jemmen dak li kien qiegħed jisma' u ħassu jimtela bih innifsu. Ħassu kburi. Ħass kull biża' jmurlu. ***(par. 4)***

Ommu u missieru kienu stagħġbu bħalma kien stagħġeb hu. "Ħeqq!" kien qallu missieru. "Mhux bħal ħaddieħor int? Kapaċi daqs l-oħrajn. Skola tgħallimt daqs ħaddieħor. Taf twieġeb daqs ħaddieħor. Bl-Ingliż taf daqs ħaddieħor...?" ***(par. 5)***

Imma jien ma jistax ikun li jinzertali xogħol hekk tajjeb, kien jaħseb Fredu. U kien imur jitlob quddiem San Ġużepp biex jirnexxilu. Kien se jkollu xogħol tajjeb. Saħansitra seta' jibqa' jitgħallem l-iskola sentejn oħra. Kien se jkun jista' jlesti l-università u dil-fabbrika kienet lesta li tħallaslu kollox, kulma kellu bżonn. Ħalli ma joqgħodx jitlob soldi lil ommu għal tal-linja. Ħalli ma joqgħodx jieħu x-xfafar tal-leħja ta' missieru biex ikun jista' jqaxxar il-leħja tiegħu hu wkoll. ***(par. 6)***

Kemm kienu jkunu waqtiet tqal għal Fredu dawk! Kif jagħmel biex jgħid lil ommu li jrid jixtri ktieb jiswa ħames liri? Kif jista' jiġih il-kuraġġ meta jaf li missieru kien iġib lejn id-dar mhux żgur għaxar liri? Kif jista' jmur jitlob lil dawk it-tnejn min-nies, dejjem ras imb'ras jaraw kif iġebbdu l-flus, li jrid il-flus għall-kotba? ***(par. 7)***

"Madonna," kien jitlob aktarx mgħaddab il-knisja, " kif jista' jkun inqatta' dawn is-sentejn li baqagħli nistudja? U ħuti? U s-sitt ħuti l-oħra? U ħuti ż-żgħar? U s-saħħa t'ommi u missieri?" ***(par. 8)***

(Silta meħuda minn **Għeluq** ta' Paul P. Borg )

## A. FEHIM IT-TEST *(9 marki)*



1. Mill-1 paragrafu ikteb dwar il-bidla li seħħet fi Fredu hekk kif beda jħossu jikber.

___

___

___ (2)

2. Ikkummenta dwar il-karattru ta' Fredu kif ipinġih l-awtur fit-2 paragrafu.

___

___

___

___

___ (2)

3. *U Fredu kien fettillu jmur ifittex xortih. (par. 3)* Għaliex? ___

___

___

___ (1)

4. Għaliex Fredu xtaq li jirnexxilu jibda jaħdem ma' dil-fabbrika? *(par. 6)*

___

___

___ (2)

5. Milli naqraw fil-paragrafi 7 u 8, taħseb li Fredu kien bniedem li jagħti kas tal-bżonnijiet ta' l-oħrajn? Għaliex? ___

___

___

___ (2)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA *(17-il marka)*

### (i) ANALIŻI TESTWALI

1. sa jumejn ilu (*par. 1*) tfisser:

- sa ftit żmien ilu ☐
- sa jumejn fil-ġimgħa ☐ (1)

2. *Kien jgħidil**hom** xi ħadd l-iskola.* (*par. 2*) Għal min qed jirreferi l-pronom mehmuż **hom** fil-verb *jgħidil**hom***? ___

___ (1)

3. *Jibnilu ħajt madwaru (par. 2)* Fisser din it-tixbiha. ______________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (1)

4. Minn dak li qalulu missieru u ommu fil-5 paragafu, taħseb li nkoraġġew jew qatgħu qalb Fredu? ______________________________________________________

______________________________________________________________ (1)

5. ras imb'ras (*par. 7*) tfisser:
- kienu jiftiehmu ☐
- kienu jiġġieldu ☐ (1)

**(ii) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. *Jixtieq* (*par. 1*) huwa verb fit-8 forma. Sib verb ieħor **ta' l-istess forma mill-istess paragrafu**. ____________________ (1)

2. Minn *Il-kelma ta' marti* nagħmlu **Kelmet marti** biex issir **Stat Kostrutt**. Mill-1 paragrafu sib eżempju ta' Stat Kostrutt. ____________________ (1)

3. Fid-9 forma minn *qed isir sabiħ* nagħmlu **jisbieħ**. Ikteb verb f'din il-forma mit-2 paragrafu. ____________________ (1)

4. jinbala' huwa verb fis-**7 forma**. Ikteb dan il-verb fl-1 persuna plural fl-Imperfett. Aħna ____________________ (1)

5. Kieku minflok ma' tal-għamara Fredu kellu jibqa' jistudja biex isir spiżjar kieku kien imur jaħdem fi ____________________ (1)

6a. Robert kien (żgħir) ____________________ minn sieħbu. (Ikteb il-komparattiv)
b. Larry kien (intelliġenti) ________________ ________________________ fosthom ilkoll. (Ikteb is-superlattiv) (2)

7. *Stagħġeb* huwa verb fl-**10 forma**. Oħroġ verb **fl-istess forma** mill-verb **ħeba**.
____________________ (1)

8. Liema hija t-tajba?
- Il-kliem ħareġ tajjeb ☐
- Il-kliem ħarġu tajbin ☐ (1)

**(iii) LESSIKU/VOKABULARJU**

1. Agħti t-tifsira ta':
jitmasħan (*par. 1*) - ____________________ (1)

2. Kelma mit-Taljan (ta' nisel rumanz) għal:
jisgħobbih (*par. 1*) - ____________________ (1)

**(iv) SINTASSI (SENTENZI)**

Kompli din is-sentenza billi żżomm l-istess tifsira.

a. Riedu żagħżugħ bħalu biex jitgħallem u jiswielhom ta' ġid. (*par. 3*)

b. Tal-fabbrika xtaqu li jakkwistaw żagħżugħ bħal Fredu biex __________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (1)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI *(4 marki)*

**QWIEL: GĦERF PRATTIKU**

Uri li taf xi jfissru billi timmarka l-kaxxa t-tajba

1. Aħseb il-ħażin biex it-tajjeb ma jonqosx.
   - Tajjeb li ma tidnibx. ☐
   - Tajjeb li kultant tiddubita u ma tafdax 'il kulħadd. ☐ (1)

2. Xemx li ma ssaħħanx, aħjar il-bard ta' Jannar minnha.
   - Xi ħaġa li ma taqdikx m'għandekx x'tambiha. ☐
   - Xi ħaġa tajba erfagħha u sorrha. ☐ (1)

3. Il-mistoqsija oħt il-għerf.
   - Meta tistaqsi iżjed titgħallem. ☐
   - Meta tistudja iżjed tiftakar. ☐ (1)

4. Tiżloqx fin-niexef
   - Oqgħod attent/a biex tevita li tagħmel żbalji żgħar. ☐
   - Oqgħod attent/a biex tevita li tagħmel żbalji kbar. ☐ (1)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV *(8 marki)*

F'madwar 80 kelma ikteb taħdita bejn *teenager* u l-ġenituri tiegħu/tagħha dwar ix-xewqat u d-diffikultajiet li jgħaddi/tgħaddi minnhom it-*teenager* fi żmien iż-żgħożija. (It-*teenager* jista'/tista' jkun int stess.)

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

**E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI - L-OQSMA TAL-ĦERF TAL-KULTURA MALTIJA** *(10 marki)*

Agħżel suġġett li ħadt pjaċir tfittex dwaru matul din is-sena u ikteb it-tagħrif f'madwar 10 linji.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**F. (i) LETTERATURA - Poeżija - L-Ambjent Naturali** *(14-il marka)*

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha:

***Nofs In-Nhar Sajfi*** ta' Rużar Briffa

Barra bis-sħana qiegħda mgħaxxa l-ħajja
taħt xemx li tikwi - l-eħrex xemx sajfija, -
u kollox ħiemed, bħallikieku l-ġrajja
waqfu tal-jum, imbikkma minn did-dija.

a. Immarka 2 kelmiet li jdaħħluna f'ambjent ta' telqa u sħana.

_____________________ _____________________ (1)

b. Agħti r-rima ta' din l-istrofa. _____________________ (1)

ċ. Agħti eżempju ta' personifikazzjoni minn din l-istrofa. _____________________

______________________________________________ (1)

d. F'madwar 4 versi ikteb dwar id-deskrizzjoni li jkompli jagħti l-poeta ta' nofs in-nhar sajfi u għid għaliex iqabbel it-telqa tas-sħana mal-qalb għajjiena tal-bniedem.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (4)

2. *Għajn Riħana* ta' Ġorġ Zammit, *Delimara* ta' Daniel Massa, *Il-Miżieb* ta' Anton Buttigieg huma poeżiji li jittrattaw l-ambjent lokali. Ikteb dwar **tnejn** minn dawn il-poeżiji f'madwar 10 linji.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (7)

**F. (ii) LETTERATURA - Dramm - Satira ta' Oreste Calleja** *(8 marki)*

Fid-dramm *Satira*, l-Iskrivan juri kemm huwa ineffiċjenti u irresponsabbli, filwaqt li l-Astronomu jisfa vittma ta' sitwazzjonijiet li niltaqgħu magħhom fid-dramm. Agħti xi eżempji ta' dawn mid-dramm. (Ikteb madwar 8 linji)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

## F. (iii) LETTERATURA - Rumanz - L-Isqaq ta' Ġużè Chetcuti *(10 marki)*

Wieġeb mistoqsija **1 jew 2**:

1. F'madwar 10 linji ikteb kif il-kittieb ifakkarna fi drawwiet li m'għadhomx magħna meta jiddeskrivi l-ġurnata tal-magħmudija ta' bint Rita u meta jiddeskrivi x'kienu jagħmlu n-newwieħa.

**JEW**

2. Agħżel karattru **WIEĦED** u f'madwar 10 linji ikteb dwaru.

Stejfen, Romilda, Menu, Spigolò

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

## Ġ. KOMPONIMENT *(20 marka)*

Ikteb madwar 350 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta separata)

1. Tkellem dwar il-Lingwa li togħġbok l-iżjed fost dawk li qed titgħallem.
2. Kieku kelli nitwieled mill-ġdid, inkun nixtieq li nibqa' dak li jien jew inkun nixtieq li nkun persuna differenti milli jien? Agħti r-raġunijiet tiegħek.
3. Immur id-disko biex......
4. Iddiskuti dwar il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' klassijiet imħallta b'subien u bniet fl-iskejjel sekondarji.
5. Il-postijiet tad-divertiment iffrekwentati miż-żgħażagħ fi tmiem il-ġimgħa.